**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Ottubru, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 654/2006 AF**

**Maestro Joseph Gatt**

**vs**

**Lawrence Scicluna**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Maestro Joseph Gatt li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-attur matul il-karriera tieghu bhala Maestro ikkompona, ikkompila u kopa diversi spartiti ta' muzika liturgika u sagra.

Xi zmien ilu l-attur induna illi xi spartiti tal-muzika li kien ikkompona, ikkompila jew ikkopja, setghu gew fotokopjati, u dan minghajr il-kunsens tieghu, izda f'dak il-mument kellu biss suspett li dan seta' kien il-konvenut.

Il-konvenut ghamel cirka ghaxar snin jassisti lill-attur fis-servizzi muzikali u kellu access ghal dawn l-ispartiti, però l-

attur sa dan iz-zmien qatt ma kellu inizzji jew provi fuq il-fatt li seta’ kien il-konvenut li ghamel fotokopja ta’ dawn l-ispartiti.

Dan l-ahhar giet f’idejh kopja ta’ wiehed minn dawn l-ispartiti u l-provenjenza tieghu kienet mill-konvenut.

Ghalhekk l-attur hareg mandat ta’ deskrizzjoni kawtelatorju numru 1038/06 kontra l-konvenut u waqt l-ezekuzzjoni ta’ dan il-mandat gew rilevati spartiti *“l’Antifona Spiritus Sanctus”* u *“Tanctum Ergo in Sol” (A tre voci)* ta’ Anton Nani, li gew rikonoxxuti li kienu miktuba bil-kalligrafija tal-attur.

L-attur qieghed jesebixxi lista ta’ spartiti li gew fotokopjati u li hu jahseb li qeghdin fil-pussess tal-konvenut – Dok. JG 1.

Minhabba l-fatt illi l-attur huwa s-sid ta’ dawn l-ispartiti u dan ikun jista’ jipprovah matul it-trattazzjoni tal-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-attur huwa l-uniku sid ta’ dawn l-ispartiti.

2. Tordna lill-konvenut sabiex jirritorna dawn il-fotokopji li qeghdin fil-pussess tieghu; u

3. Tillikwida d-danni li huwa sofra minhabba l-uzu li l-konvenut illegalment ghamel mill-proprjetà tieghu u tikkundanna lill-istess konvenut ihallas dawn id-danni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ deskrizzjoni, b’rizerva ghall-azzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ Lawrence Scicluna li permezz tagħha eċċepixxa illi:

It-talbiet tar-rikorrenti Joseph Gatt ghandhom jigu michuda a spejjez tal-istess rikorrenti stante li dawn huma infondati kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt, stante li l-intimat Lawrence Scicluna ma ghandu ebda spartit tal-muzika fil-pussess tieghu

li jappartjenu lir-rikorrenti jew li r-rikorrenti ghandu xi titolu jew dritt fuqu.

Ir-rikorrenti irid qabel xejn jipprova t-titolu u d-dritt li huwa qed jghid li ghandu fuq l-elenku ta' muzika annessa mar-rikors tieghu. Ir-rikorrenti ma ghandu ebda dritt jew titolu fuq muzika komposta minn terzi, infatti kemm il-Prim'Awla kif ukoll il-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha datata 1 ta' April 2005 (citazzjoni numru 1573/1997/GCD) dikjarat li r-rikorrenti ma ghandu ebda jedd fuq il-muzika tal-Cappella Nani (Dok. A).

Ir-rikorrenti fil-premessi tar-rikors allega li fl-ezekuzzjoni tal-Mandat ta' Deskrizzjoni numru 1038/06, il-marixxal sab fil-pussess tal-intimat l-ispartit tal-muzika "Tantum Ergo in Sol" ta' Anton Nani li r-rikorrent qed jghid li gharaf il-kalligrafija tieghu. Fil-verità, l-ispartit tal-muzika li l-intimat ghandu huwa ta' "Tantum Ergo-Duetto in Fa" (Dok. B), kif jista' jigi konfermat mid-dokument miktub mill-marixxal tal-Qorti stess (Dok. C). Ir-rikorrenti mhux qed jghid il-verità meta bil-gurament iddikjara li gharaf il-kalligrafija tieghu fuq spartit ta' muzika kompletament differenti minn dik minnu indikat.

Kif ammetta tajjeb ir-rikorrenti fil-premessi tieghu huwa ghandu "biss suspett" fl-intimat u ghalhekk dawn il-proceduri gudizzjarji odjerni huma biss ezercizzju bla ebda bazi legali u fattwali da parti tar-rikorrenti intizi biss biex jintimidaw lil intimat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti annessi.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-2 ta' Mejju 2012 fejn talab lill-Qorti tiddikarja li dawn il-proċeduri huma nulli stante li l-attur ġie dikjarat bħala persuna falluta minn din il-Qorti diversament presjeduta permezz ta' sentenza datata 22 ta' Ottubru 2004 fejn ġie nominat l-avukat Michael Spiteri bħala kuratur tal-falliment tiegħu.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2013 il-kawża tħalliet għas-sentenza in difett ostakolo.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li huwa s-sid ta' numru ta' spartiti li jgħid li qegħdin fil-pussess tal-konvenut, kif ukoll sabiex tordna lill-konvenut jirritorna dawn l-ispartiti u tillikwida d-danni li huwa jgħid illi sofra minħabba l-użu illi l-konvenut għamel minnhom. Il-konvenut laqa' għat-talbiet attriċi billi eċċepixxa li huwa m'għandu ebda spartiti tal-konvenut fil-pussess tiegħu u li l-attur għandu jipprova t-titolu u dritt li jgħid li għandu fuq l-elenku ta' mużika li ġie anness mar-rikors ġuramentat.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-fatti tal-kawża huma dawn. L-attur kien imexxi għaqda mużikali magħrufa bħala 'Kappella Nani' fejn huwa kien stieden lill-konvenut sabiex jagħmel parti mill-kor ta' din il-kappella. Maż-żmien, l-attur jgħid illi beda jafda lill-konvenut bil-mużika tiegħu. L-attur jgħid illi riċentement sar jaf li l-mużika tiegħu kienet qiegħda tindaqq minn terzi mingħajr il-permess tiegħu u li din il-mużika setgħet ġiet fil-pussess ta' terzi unikament mingħand il-konvenut li huwa jgħid illi għamel kopja tagħha snin ilu meta kienet fil-pussess tiegħu peress li l-attur kien inkarigah biex imur idoqq għall-festa ta' Santa Marija fil-parroċċa ta' Ħ'Attard. Il-konvenut jiċħad illi huwa għandu fil-pussess tiegħu mużika li tappartjeni lill-attur. Jirriżulta wkoll illi l-attur intavola mandat ta' deskrizzjoni kawtolatorju bin-numru 1038/2006 kontra l-konvenut, liema mandat ġie eżegwit fit-12 ta' Lulju 2006 u waqt l-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat instabu fil-pussess tal-konvenut zewġ spartiti u ċioè l-antifona '*Spiritus Sanctus*' ta' tletin biċċa (paġna) u biċċa waħda bl-isem ta' '*Tantum Ergo – Duetto in Fa*'.

Mar-risposta tiegħu, il-konvenut annetta kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Maestro Joseph Gatt vs Reverendu Kappillan Joe Magro noe, deċiża fil-25 ta' Jannar 2002 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' April 2005, fejn il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur sabiex il-konvenut f'dik il-kawża jiġi inibit milli jeżegwixxi l-mużika tal-Maestro Nani u ddeċidiet hekk:

> "...*fil-fehma tal-Qorti interpretazzjoni tajba tal-kitba tas-17 t'Ottubru 1978 hija illi l-attur ma kisibx id-dritt tal-awtur fuq il-muzika, ghax dak id-dritt zammu Maestro Nani, izda l-attur inhatar biss bhala delegat, ghalkemm b'seghtat wesghin, tal-Maestro Nani, u amministratur tal-Cappella Nani...*
>
> *Fil-fehma tal-Qorti, għalhekk, illum l-attur ma ghandu ebda jedd fuq il-muzika tal-Cappella Nani, u t-talbiet tieghu ma jistghux jintlaqghu*."

Preliminarjament, il-Qorti sejra tqis ir-rikors tal-konvenut tat-2 ta' Mejju 2012, u ċioè wara li l-kawża ġiet diferita għas-sentenza, fejn talab lill-Qorti tiddikjara li dawn il-proċeduri huma nulli in kwantu li l-kawża ġiet intavolata mill-attur wara li b'sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-22 ta' Ottubru 2004 l-attur ġie dikjarat illi huwa persuna falluta u ġie nominat l-avukat Michael Spiteri bħala kuratur tal-falliment tiegħu. L-avukat Michael Spiteri deher quddiem din il-Qorti fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2013 fejn informa lill-Qorti li huwa ma kienx jaf b'dawn il-proċeduri.

Dwar dan, il-Qorti kkunsidrat illi filwaqt li artikolu 500 tal-Kodiċi tal-Kummerċ jipprovdi li wara l-falliment, ma tista' tinbeda ebda azzjoni ħlief kontra l-kuraturi, artikolu 501(2) imbaghad jgħid hekk: '*Hu dmir tal-kuraturi li jaġixxu għall-ħlas tal-krediti tal-fallut, tkun liema tkun ix-xorta tagħhom, għall-ġid tal-kredituri...*' Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser illi l-azzjoni odjerna mhijiex nulla sempliċiment għaliex tressqet mill-fallut minflok mill-kuratur tiegħu. Il-liġi ma tispeċifikax illi l-fallut ma jistax jiftaħ kawża mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-kuratur jew illi huwa l-kuratur biss li jista' jipproċedi għan-nom tal-fallut. Fejn il-liġi riedet illi jkun il-kuratur biss illi joqgħod għall-kawża dan qalitu

speċifikament filwaqt illi mhuwiex speċifikat illi l-istess għandu japplika għall-kawżi mressqa mill-fallut. Il-liġi tgħid biss illi huwa d-dmir tal-kuratur li jaġixxi għall-ħlas tal-krediti tal-fallut iżda fi kwalunkwe każ permezz ta' din l-azzjoni l-attur qiegħed jitlob li jiġi dikjarat li huwa s-sid tal-mużika tiegħu u li din il-mużika għandha tiġi ritornata lilu, u għalkemm huwa għamel ukoll talba għad-danni, din it-talba ma tistax tiġi kkunsidrata bħala talba għall-ħlas ta' kreditu tiegħu.

Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet The Performing Right Society Limited vs One Productions Limited, deċiża fil-5 ta' Ġunju 2014 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu 2015:

> *"Illi hu accettat li fejn ma hemm xejn specifikat fil-ligi, Qorti ma tistax tapplika ligi ohra minflok jew b'analogija. Ghalhekk mhux permess li istitut jitwessa b'analogija, tixbieh jew tehid u li tittiehed inizzjativa li ma hix moghtija lilu mill-ligi. Il-principju bazilari fid-dritt Ruman "Ubi lex voluti dixit, ubi noluit tacuit". Li kieku l-legislatur ried jipprovdi xorta ohra dan seta' jaghmlu liberament imma f`dan il-kaz ma ghamlux. (Av. Adrian Delia noe vs European Insurance Group Limited, PA 04/02/2013; AIC Joseph Barbara et vs Onor. Prim Ministru, Kost 17/10/2007; Frank Fenech vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, App 28/09/2012; Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg, App 30/11/2012)."*

Għaldaqstant, il-Qorti ssib illi ma hemm ebda raġuni għalfejn il-proċeduri odjerni għandhom jiġu dikjarati nulli.

L-attur qiegħed jitlob lill-Qorti ssib illi huwa s-sid tal-ispartiti elenkati mar-rikors ġuramentat tiegħu. Iżda mill-provi prodotti l-Qorti hija tal-fehma li l-attur qiegħed jippretendi wkoll drittijiet tal-awtur fuq din il-mużika. Dan qiegħed jingħad għaliex wieħed għandu jagħraf id-differenza bejn il-jedd tal-proprjeta fix-xogħol li jkun, għaliex ikun xtrah jew ikun fil-pussess tiegħu, iżda mhux bilfors li jkollu wkoll id-drittijiet tal-awtur dwar dak ix-xogħol, liema drittijiet jibqgħu vestiti fl-awtur li ħoloq ix-xogħol (Paul Saliba vs Anthony Mifsud et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-19 ta' April

2011). Mill-provi prodotti jirriżulta li l-ispartiti li l-attur jgħid illi huma arranġamenti oriġinali tiegħu inkitbu diversi snin ilu u ċioe qabel ma daħal fis-seħħ l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap 415 tal-Liġijiet ta' Malta) iżda dan l-att daħal minflok att ieħor li kien ikopri l-istess jeddijiet (Att VI tal-1967 – Kap 196 tal-Liġijiet ta' Malta).

Skont l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, (minn issa l-quddiem imsejħa 'il-liġi'), 'awtur' tfisser:

> "*il-persuna naturali jew grupp ta' persuni naturali li jkunu ħolqu x-xogħol eliġibbli għad-dritt tal-awtur iżda fil-każ ta' xogħol awdjoviżiv tinkludi lid-direttur prinċipali iżda teskludi lill-produttur tal-ewwel fissazzjoni tax-xogħol awdjoviżiv*."

Filwaqt illi proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur tfisser:

> "*l-awtur li jkun l-ewwel proprjetarju, ċessjonarju jew detentur esklużiv ta' liċenza, skont il-każ, ta' drittijiet tal-awtur u fil-każ ta' xogħol kollettiv, l-ewwel proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur għandu jkun il-persuna naturali jew legali li bl-inizjattiva u direzzjoni tiegħu ix-xogħol ikun ġie maħluq*."

Artikolu 3 tal-liġi jispeċifika li xogħol mużikali huwa eliġibbli għad-drittijiet tal-awtur. Dan l-artikolu jkompli billi jgħid illi x-xogħol in kwistjoni, ma jkunx eliġibbli għad-drittijiet tal-awtur:

> "*kemm-il darba x-xogħol ma jkollux kwalità oriġinali u ma jkunx inkiteb, ġie reġistrat, iffissat jew xort'oħra mogħti forma materjali.*"

Skont artikolu 7, id-drittijiet tal-awtur f'xogħol mużikali fost xogħolijiet oħra:

> "*jkunu d-dritt esklużiv li jawtorizza jew jipprojbixxi l-għemil f'Malta dwar il-materjal protett fit-totalità tiegħu jew f'parti sostanzjali minnu, sew fl-għamla oriġinali tiegħu sew f'xi forma miksuba b'mod li jingħaraf sew mill-oriġinali ta' xi wieħed minn dawn li ġejjin:*

*a) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u f'kull għamla, għal kollox jew f'parti minnu;*

*....*

*c) id-distribuzzjoni;*

*...."*

Artikolu 42(1) imbaghad jgħid hekk:

*"Ikun hemm kontravvenzjoni ta' drittijiet tal-awtur, drittijiet viċini u drittijiet sui generis meta:*

a) *persuna tagħmel jew iġġiegħel lil xi persuna oħra tagħmel, mingħajr liċenza mingħand il-proprjetarju jew id-detentur tagħha, xi att li l-għemil tiegħu huwa kkontrollat bid-drittijiet tal-awtur, drittijiet viċin jew drittijiet sui generis*;"

Fil-ktieb tagħhom Intellectual Property: Patents, Copyright, Trade Marks and Allied Rights, *8th Edition,* l-awturi Cornish, Llewelyn u Aplin jgħidu hekk:

'"*Secondary activities which have been held to attarct their own musical copyright include arranging music (by adding accompaniments, new harmonies, new rhythms and the like), and transcribing it for different musical forces. Musical copyright extends to various "secondary" activities such as selecting and arranging older tunes or scores, orchestrating or making a piano reduction may qualify for its own copyright.*' (11-13, p 442-443).

'*The claimant must prove that, directly or indirectly, the defendant's alleged infringement is taken from the work or subject matter in which he claims copyright. This is fundamental to the whole concept of copyright. (...)*' u '*The owner must show that this causal connection is the*

*explanation of the similarity between the work and the infringement*.' (12-03, p 469).

Sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu, l-attur irid jipprova li huwa għandu jeddijiet tal-awtur (kemm oriġinali jew bħala ċessjonarju tagħhom) fuq ix-xogħolijiet mużikali li huwa jsemmi u li dawn qegħdin fil-pussess tal-konvenut mingħajr il-permess tal-attur.

L-attur jallega li l-konvenut għamel kopja tal-mużika tiegħu. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Martin Scerri vs John Zammit, deċiża fil-5 ta' Ottubru 2015, fl-ikkupjar tabilfors ikun hemm xebħ, u dan ix-xebħ ma jkunx biss fl-għajn ta' min iqabbel imma jkun fatt oġġettiv. Il-Qorti kompliet billi għamlet riferenza għall-kawża Ingliża fl-ismijiet University of London Press Limited vs University Tutorial Press Limited (1916), fejn ingħad hekk:

> "*The infringing work must be derived from the claimant's work. There must be a causal connection as independent creation of a similar work does not infringe. In an action for copyright infringement by copying, proof of copying and the question as to which party bears the burden of proof are frequently important issues. <u>Of course the claimant has the burden of proving that the defendent has copied</u>, but having discharged that burden, it can fairly be said that the burden of proof then shifts to the defendent...*' (Sottolinear miżjud). F'din is-sentenza intqal ukoll '*The degree of objective similarity is, of course, not merely important, indeed essential, in proving the first element in infringement, namely that the defendant's work can properly be described as a reproduction or adaptation of the copyright work*."

Stabbilit dawn il-prinċipji, kif ingħad, l-attur kellu l-oneru li jipprova li huwa jgawdi minn drittijiet tal-awtur tax-xogħolijiet li jsemmi, u li dawn instabu fil-pussess tal-konvenut. Iżda fil-fehma tal-Qorti, dan l-attur ma rnexxilux jagħmlu.

L-ewwel nett il-Qorti tirrileva li l-attur lanqas biss esebixxa kopja tal-ispartiti li huwa jgħid illi għandu dritt fuqhom u li skont hu qegħdin fil-pussess tal-konvenut. L-uniċi żewġ spartiti li ġew esebiti huma dawk deskritti fil-mandat ta' deskrizzjoni bin-numru 1038/2006 u dawn ġew esebiti mill-konvenut. Il-Qorti ma tistax tiddeċiedi fuq dokumenti fl-arja u għaldaqstant ċertament ma tistax tilqa' t-talbiet tal-attur fir-rigward ta' dawn l-ispartiti li l-attur isemmi biss.

Fir-rigward taż-żewġ spartiti li ġew esebiti mill-konvenut, il-Qorti ssib illi l-attur naqas ukoll milli jippreżenta l-kopja oriġinali tagħhom li huwa jgħid illi għandu u li huma tiegħu, u għaldaqstant jidher li l-attur qiegħed jippretendi li l-Qorti tilqa' t-talbiet tiegħu u tiddikjara li huwa s-sid ta' dawn l-ispartiti sempliċiment għaliex l-attur u t-tifla tiegħu Marie Claire Gatt, li xehdet fil-mori ta' dawn il-proċeduri, jgħidu li huma qegħdin jagħrfu dawn iż-żewġ ispartiti u li dawn jappartjenu lill-attur bħala arranġamenti oriġinali tiegħu. Il-Qorti mhijiex konvinta b'din is-sempliċi dikjarazzjoni imma kien jispetta lill-attur li jressaq xhieda u provi oġġettivi li jikkorroboraw dawn id-dikjarazzjonijiet li l-ispartiti esebiti huma filfatt dawk l-arranġamenti oriġinali tal-attur. Setghet giet ipprezentata kopja tal-ispartiti oriġinali sabiex il-Qorti tkun tista' tivverifika jekk dawn humiex l-istess spartiti, jekk ikun il-każ bl-għajnuna ta' esperti fil-qasam tal-mużika.

L-attur ma ressaq ebda prova konklussiva li l-ispartiti li nstabu fil-pussess tal-konvenut, u ċioè dawk deskritti fil-mandat ta' deskrizzjoni, jappartjenu lilu u li l-konvenut għamel xi kopja tagħhom mingħajr il-permess tiegħu. In kontro eżami huwa jgħid biss illi l-mużika esibita hija arranġament tiegħu iżda ma jispjegax kif qiegħed jagħraf din il-mużika. Huwa jerġa jagħmel riferenza għall-spartiti li jgħid illi ġew għandu mingħand ħaddieħor speċifikament jgħid '*kopji ta' karti illi huma kopji ta' dokumenti bin-notamenti tiegħi*' imma hawn ukoll naqas milli jesibixxi dawn l-ispartiti. L-attur ma jressaq ebda prova konkreta li l-ispartiti elenkati fid-dokument anness mar-rikors ġuramentat qegħdin f'idejn il-konvenut. Huwa jgħid illi sar jaf li mużika tiegħu indaqqet minn ħaddieħor mingħand terzi u ċioè membri tal-orkestra li skont huwa jkunu esegwew ix-xogħol tiegħu, imma ma ressaq ebda provi jew xhieda

sabiex isahhu din id-dikjarazzjoni.  L-attur jgħid illi huwa jaf bħala stat ta' fatt illi ħaddieħor daqq l-ispartiti li huma arranġamenti oriġinali tiegħu, iżda mhux talli kif diġà ngħad qatt ma esebixxa dawn l-ispartiti, talli ma ressaq ebda prova li dawn l-ispartiti li jgħid illi huma xogħolijiet oriġinali tiegħu indaqqu minn terzi.

Il-Qorti ma tqisx bħala kredibbli x-xhieda ta' Marie Claire Gatt, bint l-attur, li kienet preżenti meta ġie eżegwit il-mandat ta' deskrizzjoni imsemmi.  Hija tgħid illi waqt l-esekuzzjoni tal-mandat hija għarfet il-kitba ta' missierha fuq l-ispartita bl-isem '*Tanto Ergo in Sol*' meta jirriżulta li l-ispartita indikata mill-marixxal hija '*Tanto Ergo in Fa*'.  Tgħid illi ġibdet l-attenzjoni tal-marixxal biex iniżżel din l-ispartita pero` għal xi raġuni il-marixxal ma nnotahiex.  Tenut kont tal-fatt illi kull ma nstabu kienu żewġ spartiti u ċioe l-antifona '*Spiritus Sanctus*' u '*Tanto Ergo in Fa*' fil-pussess tal-konvenut, mhuwiex verosimili li bi żvista tħalliet xi waħda barra.  Fi kwalunkwe każ, kien jispetta lill-bint l-attur li kienet preżenti għall-eżekuzzjoni tal-mandat li tieħu ħsieb illi l-marixxal jelenka l-ispartiti kollha.

Ix-xhieda li ressaq l-attur kollha jikkonfermaw li huma ma ngħataw ebda spartiti mingħand il-konvenut u li l-mużika oriġinali tal-Maestro Nani qiegħda depożitata fil-Mużew tal-Katidral tal-Imdina minn fejn il-kappillan ta' kwalunkwe parroċċa jista' jagħmel talba għal-kopja tagħha.  Filfatt, il-konvenut esibixxa kopja ta' korrispondenza mal-Mużew tal-Katidral tal-Imdina f'dan is-sens.

Fi kwalunkwe każ, għalkemm fl-affidavit tiegħu l-attur jenfasizza li kien il-konvenut biss illi kellu aċċess għal dawn l-ispartiti, in kontro eżami jsemmi persuni oħra li ġieli kienu jdoqqu l-mużika tiegħu.  Huwa jgħid illi dejjem kien jibgħat membru tal-familja sabiex jassigura ruħu li dawn l-ispartiti ma jiġux ikkupjati, ġieli anke lil bintu li dak iż-żmien kellha għaxar snin, iżda b'daqsekk ma jfissirx illi ħadd aktar ma seta' jagħmel kopji ta' dawn l-ispartiti meta kienu fil-pussess tagħhom.

Lanqas huwa ċar jekk l-ispartiti elenkati fid-dokument anness mar-rikors ġuramentat humiex kollha arranġamenti oriġinali tal-attur jew jekk dawn jinkludux ukoll dawk tal-Maestro Nani.

Dan qiegħed jingħad għaliex fil-maġġor parti, dawn l-ispartiti msemmija li fuqhom jippretendi dritt l-attur, huma indikati li huma tal-Maestro Nani.

Minkejja s-sentenza Maestro Joseph Gatt vs Reverendu Kappillan Joe Magro noe msemmija, l-attur xorta waħda donnu qiegħed jippretendi xi drittijiet fuq il-mużika tal-Maestro Nani. In kontro eżami jgħid hekk dwar l-iskrittura tal-1978 li kienet il-mertu ta' dik il-kawża, '*Jien ninsisti illi minn din l-iskrittura privata jien għandi dritt fuq il-mużika*.' Iżda imbaghad ikompli billi jgħid illi '*Ħafna minn din il-mużika rranġajtha jien*.' Aktar 'l quddiem jispeċifika li huwa kkonċernat biss mill-mużika li rranġa hu u mhux dik oriġinali tal-Maestro Nani iżda naqas milli jispjega jekk fir-rigward tal-ispartiti li huwa jelenka huwiex qiegħed jirreferi unikament għall-arranġamenti oriġinali tiegħu peress illi fil-maġġor parti huma indikati f'dan l-elenku li jappartjenu lil Maestro Nani kif ukoll lil ċertu 'Alessio' li l-attur ma jgħidx min hu.

Il-konvenut jiċħad illi huwa għandu xi mużika li hija tal-attur. Huwa jgħid illi filfatt għandu fil-pussess tiegħu xi wħud mill-ispartiti li hemm indikati fl-elenku eżebit mill-attur iżda jispjega minn fejn ġabhom. Filwaqt illi fis-sottomissjonijiet tiegħu l-attur jinterpreta din id-dikjarazzjoni bħala ammissjoni li l-konvenut għandu fil-pussess tiegħu spartiti li jappartjenu lill-istess attur, fil-fehma tal-Qorti din l-interpretazzjoni hija żbaljata in kwantu li dawk l-ispartiti li jgħid illi għandu l-konvenut huma indikati fl-elenku li huma tal-Maestro Nani u l-konvenut qiegħed jirreferi għal dawn l-ispartiti oriġinali tal-Maestro Nani li jinsabu fil-Mużew tal-Katidral u mhux dawk illi l-attur jgħid illi huma arranġamenti oriġinali tiegħu.

Huwa veru li l-konvenut jistqar illi ma jafx min huwa l-awtur tal-arranġamenti li jinsabu fil-pussess tiegħu iżda l-Qorti hija tal-fehma li ma tressqet ebda prova li tikkonvinċiha mqar fuq bażi ta' probabbiltà li dawn l-ispartiti huma tal-attur.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiċħad it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.

IMHALLEF

DEP/REG